www.ansell.com

Instructions for use

CHEMICAL RESISTANCE

Europe, Middle East and Africa (EMEA) Region
Ansell Healthcare Europe NV
Riverside Business Park
Blvd International, 55
1070 Brussels, Belgium
☎ +32 2 528 74 00
🖷 +32 2 528 74 01

Russia
Анселл РУС
Краснопресненская
Наб. 12, п. 3, оф 1103
123610 Москва, Россия
☎ +7 495 258 13 16

THIS PAGE INTENTIONALLY LEFT BLANK

Applicable to Great Britain

UK CA 0321

UK IMPORTERS **Nitritex Limited,** Ground Floor, 15 Kings Court, Willie Snaith Road, Newmarkey, Suffolk, CB8 7SG, United Kingdom

Ansell (U.K.) Limited, Block C, Willerby Hill Business Park, Willerby, Hull, HU10 6FE, United Kingdom

Ansell

2021-06

1	EN ISO 21420: 2020	2	A B C D E P EN 388: 2016 + A1: 2018
3	A B C D E F EN 407: 2020	4	A B C D E F EN 407: 2020
5	EN ISO 374-5: 2016	6	VIRUS EN ISO 374-5: 2016
7	A B C D E F G H I J K L M N O P S T EN ISO 374-1: 2016 + A1: 2018 Type A, B or C	8	X ISO 18889: 2019
9	EN 421: 2010	10	A B C EN 511: 2006
11	EN 16350: 2014	12	CE
13	UK CA	14	
15	TP TC 019/2011	16	
17	CA XX.XXX	18	LATEX

Ansell

MT – ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU – ANSELL REŻISTENTI GĦALL-KIMIĊI

UŻU: Dawn l-istruzzjonijiet Dwar l-Użu għandhom jintużaw flimkien mal-informazzjoni speċifika li tidher fuq l-ingwanti u/jew il-pakkett ta' barra tagħhom. Dawn il-prodotti huma ddisinjati biex jipproteġu l-idejn mir-riskji kif muri mill-pittogrammi murija, kif definit fl-istandards rilevanti EN jew EN ISO. Jekk joħgħobk ara li l-prodotti jintużaw biss għall-iskopijiet indikati, kif spiegat hawn fuq. **SPJEGAZZJONI TAL-IMMARKAR U PITTOGRAMMI LI JISTGĦU JIDHRU FUQ L-INGWANTI/L-IPPAKKJAR: 1. EN ISO 21420: 2020** – Jekk joħgħobk aqra l-Istruzzjonijiet Dwar l-Użu, qabel tuża l-prodotti, jew ikkuntattja lil Ansell għal aktar informazzjoni. Jekk jissemma' livell X taħt xi pittogrammi, dan ifisser li dan il-test ma japplikax u l-ingwanti mhumiex iddisinjati u għalhekk m'għandhomx jintużaw għal dan il-periklu speċifiku. **2. EN 388: 2016 + A1: 2018 Protezzjoni minn riskji mekkaniċi** – A: Reżistenza kontra l-brix (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 4) – B: Reżistenza kontra l-qtugħ mix-xfafar (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 5) – C: Reżistenza kontra t-tiċrit (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 4) – D: Reżistenza kontra l-titqib (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 4) – E: Reżistenza kontra l-qtugħ TDM ISO EN 13997 (livelli ta' prestazzjoni A sa F) – P: Protezzjoni mill-Impatt (mhux obbligatorju) = ingwanti li jipprovdu protezzjoni kontra l-impatt fiż-żona tal-għekiesi tas-swaba' tal-ingwanta (ma japplikax għaż-żona tas-swaba' li ma tistax tiġi ttestjata). Jekk ma tintalab l-ebda P, ma tapplika l-ebda protezzjoni tal-impatt. ***Twissija!*** Il-prestazzjonijiet (A sa E) mitluba għall-ingwanti huma bbażati fuq testijiet imwettqa fuq iż-żona tal-pala tal-id tal-ingwanti biss. Għal ingwanti li jkollhom żewġ saffi jew iżjed, dawn il-livelli globali ta' prestazzjoni mhux neċessarjament jirriflettu l-prestazzjoni tas- saff ta' barra nett tal-ingwanta. **3. EN 407: 2020 Protezzjoni kontra s-shana u l-fjammi. 4. EN 407: 2020 Protezzjoni kontra s-shana** – A: Firxa limitata tal-fjamma (livelli 0 sa 4) – B: Shana ta' kuntatt (livelli 0 sa 4) – għall-protezzjoni fil-pala tal-id biss – C: Shana konvettiva (livelli 0 sa 4) – protezzjoni kemm lill-pala tal-id kif ukoll għall-wiċċ ta' wara – D: Shana radjanti (livelli 0 sa 4) – protezzjoni kemm għall-pala tal-id kif ukoll għall-wiċċ ta' wara – E: Titjir żgħir ta' metall maħlul (livelli 0 sa 4) – protezzjoni għall-pala tal-id, il-wiċċ ta' wara u l-parti tal-polz – F: Kwantitajiet kbar ta' metall maħlul (livelli 0 sa 4) – protezzjoni għall-wiċċ ta' wara u l-parti tal-polz. Fil-każ ta' titjir ta' metall maħlul l-utent għandu jitlaq minn fuq il-post tax-xogħol immedjatament u jneħħi l-ingwanta. L-ingwanta tista' ma teliminax ir-riskji kollha ta' ħruq. ***Twissija!*** Għal ingwanti li għandhom saffi multipli, il-prestazzjoni hija applikabbli biss għall-prodott kollu li jinkludi s-saffi kollha. **5. EN ISO 374-5: 2016 Protezzjoni kontra l-batterji u l-fungi Mhux ittestjati kontra l-virusis. 6. EN ISO 374-5: 2016 Protezzjoni tal-VIRUS kontra l-batterji, virus tal-fungi. 7. EN ISO 374-1: 2016 + A1: 2018 / Protezzjoni kontra l-kimiċi Tip A, B jew C** – Tip A = kemm l-ingwanta tibqa' reżistenti qabel ma l-kimika tgħaddi minnha > 30 minuta kontra mill-inqas 6 sustanzi kimiċi skont il-lista t'hawn taħt / Tip B = kemm l-ingwanta tibqa' reżistenti qabel ma l-kimika tgħaddi minnha > 30 minuta kontra mill-inqas 3 sustanzi kimiċi skont il-lista t'hawn taħt / Tip C = kemm l-ingwanta tibqa' reżistenti qabel ma l-kimika tgħaddi minnha > 10 minuti kontra mill-inqas kimika waħda skont il-lista ` ħawn taħt (L-ebda kodiċi taħt il-pictogram), A = metanol – B = aċeton – C = aċetonitril– D = diklorometan – E = disulfur tal-karbonju – F = toluwen – G = dijaetilammina – H = tetraidrofuran – I = aċetat etiliku – J = n-ettan – K = idrossidu tas-sodju, 40% – L = aċidu sulfuriku, 96% – M = aċidu nitriku, 65% – N = aċidu aċetiku, 99% – O = ammonja, 25% – P = perossidu tal-idroġenu, 30% – S = aċidu idrofluoriku, 40% – T = formaldeid, 37%. **8. ISO 18889: 2019 Protezzjoni kontra l-pestiċidi** – X. Jekk X = G1: l-ingwanta hija adattata meta r-riskju potenzjali jkun relattivament baxx. Dawn l-ingwanti mhumiex adattati għall-użu ma' formulazzjonijiet ikkonċentrati ta' pestiċidi u/jew għal sitwazzjonijiet fejn żejstu riskji mekkaniċi. Jekk X = G2: l-ingwanta hija adattata meta r-riskju potenzjali jkun ogħla. Dawn l-ingwanti huma adattati għall-użu ma' pestiċidi dilwiti kif ukoll ikkonċentrati. L-ingwanti G2 jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti minimi ta' reżistenza mekkanika u għalhekk huma adattati għal attività jiet li jeħtieġu ingwanti b'saħħa mekkanika minima. ***Attenzjoni:*** Għal dawn l-ingwanti, il-pestiċidi m'għandhiex ikollha l-possibbilità li tippenetra bejn l-komma tal-libbies u l-ingwanta. Jekk l-ingwanta tirkeb fuq il-komma b'inqas minn madwar 50 mm, għandha tintuża ingwanta ħwal. ***Twissija!*** Deġta dwar il-permeazzjoni kimika, kif ittestjata skont il-metodu tal-ittestjar EN 16523-1: 2015, u deġta dwar id-degradazzjoni, ittestjata skont il-metodu tal=ittestjar EN 374-4: 2013, hija disponibbli fuq talba u/jew permezz ta' Ansell.com, permezz tal-paġna tal-prodott Ansell/kriterji ta' tniżzil/ġwidi ta' rakkomandazzjonijiet kimiċi. Din id-deġta hija bbażata fuq testijiet f'kundizzjonijiet tal-laboratorju minn kampjuni meħuda mill-parti tal-pala tal-id biss u tirrelata biss mas-sustanza kimika ttestjata. Tista' tkun differenti jekk tintuża f'taħlita. Għal ingwanti li jkunu twal 400 mm jew aktar, id-deġta dwar ir-reżistenza kimika hi bbażata minn kampjuni meħuda, 80 mm mit-tarf tal-keffa. Id-deġta dwar ir-reżistenza kimika tista' ma tirriflettix it-tul attwali tal-protezzjoni fuq il-post tax-xogħol u d-differenzi bejn taħlitiet u kimiċi puri. Għalhekk hu rakkomandat li tiċċekkja li l-ingwanti jkunu adattati għall-użu intenzjonat għax il-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol jistgħu jkunu differenti minn dawk tal-ittestjar fuq il-baġi tat-temperatura, il-brix u d-degradazzjoni. Meta jintużaw, l-ingwanti protettivi jistgħu jipprovdu inqas reżistenza għall-kimika perikoluża minħabba bidliet fil-proprjetajiet fiżiċi. Movimenti, ltqżiż, ħakk u degradazzjoni kkawżati mill-kuntatt mal-kimika, eċċ., jistgħu jnaqqsu l-ħin attwali tal-użu b'mod sinifikanti. Għal kimiċi korrużivi, id-degradazzjoni tista' tkun l-aktar fattur importanti li wieħed għandu jikkunsidra fl-għażla tal-ingwanti reżistenti għall-kimika. Għar-reżistenza għall-pestiċidi, it-tul tat-test mhux ibbażat fuq il-ħin tal-użu proprju minħabba li t-test tal-permeazzjoni huwa test aċċellerat li fih il-wiċċ tal-kampjun ikun f'kuntatt kostanti mal- kimika tat-test. Għalkemm it-tul ta' żmien tal-espożizzjoni jista' jkun għal perjodu itwal matul l-applikazzjoni fuq il-post ta' studju b'formulazzjoni dilwita, is-superfiċje kollha ma tkunx f'kuntatt kostanti mal- kimika tat-test. **9. EN 421: 2010 Protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni radjuattiva. 10. EN 511: 2006 Protezzjoni kontra l-kesha** – A: Kesha konvettiva (livelli 0 sa 4) – B: Kesha ta' kuntatt (livelli 0 sa 4) – C: Penetrazzjoni tal-lima (0 jew 1) – ***Twissija!*** Għall-ingwanti li huma ddikjarati b'livell ta' 0, għandu jiġi rnutat li dawn jistgħu jtilfu l-proprjetajiet insulattivi tagħhom kontra l-kesha meta jixxarrbu. **11. EN 16350: 2014 Ingwanti adatti għall-użu f'żoni fejn żejstu żoni li jiehdu n-nar jew splussivi. MARKI REGULATORJI: 12.** Il-prodott huwa konformi u ċertifikat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Ewropew dwar it-Tagħmir Protettiv Personali 2016/425. **13.** Il-prodott huwa konformi u ċertifikat skont ir-rekwiżiti tat-Tagħmir Protettiv Personali 2016/425, kif ġie inkluż fil-liġi tar-Renju Unit u emendat. Il-marki CE u UKE huma segwiti minn kodiċi b'erba' ċifri li tirreferi għan-numru ta' identifikazzjoni tal-Korp ta' Notifika/Approvazzjoni li huwa responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità tal-kategorija III, għall-prodotti bex jipproteġu kontra riskji serji. Ċertifikat tal-eżami tat-tip (Modulu B) u Kontrolli sorveljati tal-prodott (Modulu C2) jew Konformità mat-tip abbażi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-produzzjoni (Modulu D) minn: Ghall-UE: Centexbel Belgium (I.D. 0493), Technologiepark 70, B-9052 Zwijnaarde. Ghall-Gran Brittanja: Ċertifikat tal-eżaminazzjoni tat-tip (Modulu B) u, fejn applikabbli, Kontrolli tal-prodott li jsiru taħt supervizjoni (Modulu C2) jew Konformità mat-tip abbażi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-produzzjoni (Modulu D) minn Satra Technology Centre, Wyndham Way, Telford Way, Kettering, Northamptonshire, NN16 8SD, ir-Renju Unit. Biex tikseb id-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE jew tar-Renju Unit, jekk joħgħobk mur fuq www.ansell.com/regulatory **14.** Adattat għall-kuntatt ma' oġġetti tal-ikel. Il-prodotti li junu din il-pittogramma huma konformi mar-Regolamenti Ewropej 1935/2004 u 2023/2006 kif ukoll mar-Regolamenti Nazzjonali kollha applikabbli għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-Ikel. **15.** Il-prodott huwa konformi u ċertifikat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Russu tad-Dwana TP TC 019/2011. **16.** Il-prodott huwa konformi u ċertifikat skont ir-rekwiżiti tal-liġi Koreana tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol għall-PPE. **17.** Ċertifikat ta' Approvazzjoni, kif iċċertifikat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Brażiljan (b'XX.XXX li jirreferi għan-numru taċ-ċertifikat). Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-prestazzjoni tal-prodott, jekk joħgħobk ikkonsulta lil Ansell. **PREKAWZJONIJIET GĦALL-UŻU:** Qabel tużahom, eżamina l-ingwanti għal xi difetti jew imperfezzjonijiet bħal toqob, toqob żgħar ħafna u tiċrit. Jekk l-ingwanti jitqattgħu jew jittaqqbu waqt l-użu, armihom immedjatament. Jekk għandek xi dubju, tużax l-ingwanti, ġib par ġdid. Taqlibx l-ingwanti ta' taħt fuq. Huwa essenzjali li żżomm l-kimiċi kollha l-boġhod mill-ġilda, anki jekk taħseb li ma jagħmlux ħsara. Aċċerta ruħek li l-kimiċi ma jkunux jistgħu jidħlu minn ġol-keffa. Jekk l-ingwanti jintużaw kontra l-pestiċidi, neħħi l-ingwanti minnufih jekk ikunu kkontaminati b'forzi ikkonċentrat tal-pestiċidi. Għal ingwanti li għandhom kisja ta' tessut, għandek tkun avżat li l-pestiċidi jistgħu potenzjalment jiġu assorbiti minn drappijiet bħal dawn. Evita li tilbes ingwanti li jkunu maħmugħin fuq ġewwa - dawn jistgħu jirritaw il-ġilda, u jikkawżaw dermatite jew aġħar. Ingwanti kkontaminati għandhom jitnaddfu jew jinħaslu jew jintmeħu qabel jitneħħew. Evita li tmiss uċuħ ikkontaminati b'idejk mikxufin. Ingwanti li għandhom livelli ta' tiċrit ta' 1 jew aktar (skont EN 388) m'għandhomx jintużaw għall-protezzjoni kontra xfafar bis-snien jew meta jkun hemm riskju li jinqabdu mal-partijiet tal-magna li jkunu jiċċaqalqu. L-ingwanti m'għandhomx jiġu f'kuntatt ma' fjamma mikxufa sakemm ma jkunux iddikjarati bil-pittogramma EN 407 għall-protezzjoni kontra s-shana u l-fjammi. Il-prodotti ddikjarati b'EN 407 mhumiex intenzjonati biex jintużaw f'kundizzjonijiet imxarrbin għall-protezzjoni kontra s-shana. L-ingwanti m'għandhomx jintużaw għall-protezzjoni kontra raġġazzjoni jonizzanti u lanqas m'għandhom jintużaw f'ġeheluq għall-konteniment. Ingwanti adattati għall-kuntatt ma' oġġetti tal-ikel jistgħu juru xi migrazzjoni kontra oġġetti tal-ikel speċifiċi. Jekk joħgħobk ikseb parir mingħand Ansell jew ikkonsulta d-dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Ikel ta' Ansell biex tkun taf jekk japplikawx restrizzjonijiet speċifiċi u għal liema oġġetti tal-ikel speċifiċi jistgħu jintużaw l-ingwanti. Jekk l-ingwanti jkunu mmarkati, l-uċuħ stampati m'għandhomx jiġu f'kuntatt mal-Ikel. Jekk l-ingwanti jkunu qed jintużaw f'ambjenti splussivi, jekk joħgħobk aċċerta ruħek li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' EN 16350. Persuni li jilbsu dawn l-ingwanti għandhom ikunu ertjati kif suppost, eż., billi jilbsu żraben u ħwejjeġ adeguati. ***Twissija!*** L-ingwanti m'għandhomx jithallew mhux ippakkjati, miftuha, aġġustati jew imneħħija waqt li jkunu f'atmosferi fjammabbli jew splussivi. Il-proprjetajiet elettrostatiċi tal-ingwanti jistgħu jiġu affettwati ħażin mill-moħħdija taż-żmien, xedd u kedd, kontaminazzjoni u ħsara, u jistgħu ma jkunux sufiċjenti għal atmosferi fjammabbli arrikkiti bl-ossiġnu, fejn ikunu meħtieġa evaluazzjonijiet addizzjonali. **INGREDJENTI/INGREDJENTI PERIKOLUŻI:** Xi ingwanti jista' jkun fihom ingredjenti li huma magħrufa li jistgħu jikkawżaw allerġji f'persuni sensittivi, li jistgħu jiżviluppaw reazzjonijiet ta' kuntatt irritanti u/jew allerġiċi. Jekk ikun hemm reazzjonijiet allerġiċi, ikseb parir mediku immedjatament. **18.** ***Twissija!*** Jekk l-ingwanti jkollhom il-latiċi naturali, dan ikun imsemmi fuq l-ipakkjar. F'dak il-każ, DAN IL-PRODOTT JISTA' JIKKAWŻA REAZZJONIJIET ALLERĠIĊI lil persuni sensittivi. **ISTRUZZJONIJIET DWAR IL-KURA:** Ħażna: Żomm 'il boġhod minn dawl dirett tax-xemx; aħżen f'post frisk u xott u żommhom fl-ippakkjar oriġinali. Żomm 'il boġhod minn sorsi ta' ożonu. Jekk l-ingwanti jinħażnu kif suppost, kif indikat hawn fuq, mhumiex se jtilfu l-prestazzjoni tagħhom u mhux se jibdlu l-karatteristiċi tal-ingwanta b'mod sinifikanti. Jekk l-ingwanti jistgħu jiġu affettwati mill-moħħdija taż-żmien jew mill-ħażna, id-data ta' skadenza hija msemmija fuq il-prodotti u/jew fuq il-materjali tal-ippakkjar tagħhom. Tindif: Ingwanti reżistenti għal kimiċi mhumiex iddisinjati biex jinħaslu u lanqas biex jerġgħu jintużaw. Huma għall-użu ta' darba biss. **RIMI:** Prodotti użati li jkunu ġew f'kuntatt ma' kimiċi jew ikkontaminati b'materjali infettivi jew materjali perikolużi ohra b'hal pestiċidi residwi għandhom jintremew wara kull xift tax-xogħol u ma jerġgħux jintużaw. Għandhom jintremew ukoll ladarba juru sinjali ta' degradazzjoni waqt l-użu, bħal tiċrit, toqob, telf ta' kulur u dgħjufija tal-ingwanti. Armihom skont ir-Regolamenti tal-Awtorità Lokali. Armihom f'miżbla jew aħraqhom taħt kundizzjonijiet ikkontrollati.